MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Numru. 660/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin J. Farrugia**

**vs**

**Aldo Spiteri**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Aldo Spiteri ta’ 46 sena, iben John u Doris nee’ Mallia imwieled Pieta’ nhar il-21 ta’ Settembru, 1964 u residenti fil-fond 243, Kerald, Triq il-Merhba, Fgura u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 484864(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar it-22 ta' Mejju, 2011 ghall-habta ta' 18.45 hrs gewwa l-Istadium Nazzjonali li jinsab gewwa Ta' Qali limiti ta' Attard :

1. Kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied. **Kap. 9 Art.338(dd).**
2. Xewwex gemgha ta' nies, illi hekk imxewxa, jingabru f'numru ta' ghaxra jew aktar, sabiex jaghmlu reat. Kap. 9 Art 68
3. Pubblikament, xewwex persuni ohra sabiex jikser il-ligi, Kap 9 Art 70
4. Pubblikament, xewwex lil persuni ohra sabiex jikser il-ligi, Kap. 9 Art 70
5. Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi gab ruhu b'mod abuzziv bi ksur ta' **S.L 10.33 (7).**
6. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz. **Kap 9 Art. 95.**
7. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti. **Kap. 9 Art. 96.**
8. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bi vjolenza jew b'theddid gieghel ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom, **Kap. 9 Art 91.**
9. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija kienu ghamlu. **Kap. 9 Art. 338 (ee).**
10. Fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied. **Kap. 9 Art. 338 (dd).**

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita' skond il-ligi, tordna illi l-imsemmija mputati ma jattendux fi 'grounds ta' sports' ghall-dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabli Qorti jidrilha xieraq.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 25 ta' Mejju, 2011 (esebit *a folio* 9 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-25 ta' Mejju, 2011 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci tal-kawza odjerna jirrigwardaw incidenti li nqalghu waqt partita futbol li saret fit-22 ta' Mejju, 2011 gewwa l-Istadium Nazzjonali f'Ta' Qali, limiti ta' H'Attard, liema ncidenti sehhew ghall-habta tal-18.45hrs waqt il-final tal-FA Trophy bejn il-Belt Valletta u l-Floriana. Mill-provi rrizulta li waqt l-imsemmija partita nqalghu xi ncidenti fin-naha tal-istadium fejn kien hemm is-*supporters* tal-Belt Valletta u meta l-Pulizija intervjenew sabiex jikkalmaw l-affarijiet uhud minnhom sfaw attakkati mill-partitarji tal-Belt Valletta fejn xi membri tal-Korp tal-Pulizija anki sofrew griehi.

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab addebitat b'serje ta' imputazzjonijiet fejn huwa qed jigi akkuzat b'varji reati u kontravenzjonijiet li jinkludu il-ksur ta' buon ordni u paci pubbllika, tixwiex lil persuni ohra sabiex jikkommettu reat u sabiex jiksru l-ligi, ingurji u theddid u attakk b'rezistenza kontra ufficjal pubbliku, vjolenza u theddid kontra ufficcjal pubbliku, nuqqas li jobdi ordnijiet legittimi moghtija lilu minn ufficjal pubbliku, eccetera.

Illi l-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet[1] fejn huwa filwaqt li kkonfema li kien prezenti fil-ground waqt il-partita in dizamina innega li b'xi mod kien involut f'xi glied jew li kien attakka lil Pulizija, anzi huwa specifika li kien qed jghin lil Pulizija sabiex jikkontrollaw is-sitwazzjoni billi jikkalma lil partitarji tal-Belt Valletta.

Illi minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ma produciet ebda xhud li indika li l-imputat kien attakkah, ingurjah jew kien vjolenti fil-konfronti tieghu jew altrimenti li qal li l-istess imputat kien naqas milli jobdi ordnijiet legittimi lilu moghtija jew li semghu lill-imputat ixewwex xi nies sabiex jiksru l-ligi jew jikkommettu reat. Il-Prosekuzzjoni ma produciet ebda xhud okulari li ra jew sema' lill-imputat jikkommetti xi wiehed mir-reati li jinsab akkuzat bihom fil-proceduri odjerni.

Il-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha fuq zewg *recordings*[2] u l-istills relattivi mehuda minn dawn ir-*recordings*[3]. L-imsemmija *recordings* huma filmati li gew trasmessi fuq TVM u One News dakinhar li nqalghu l-incidenti li jifformaw il-mertu tal-kawza odjerna. Il-Qorti tistqarr li ghalkemm rat dawn il-filmati ghal aktar minn darba u ezaminat bir-reqqa l-istills maghmula mill-espert tekniku, bl-ebda mod ma setghat tasal ghall-konkluzjoni fuq bazi ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat ikkommetta xi wiehed mir-reati li bihom jinsab akkuzat fil-proceduri odjerni. Anzi jinghad li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni, u senjatament mix-xhieda okulari minnha prodotti kif ukoll mill-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat irrizulta li l-istess imputat ma ghamel xejn hlief kif isostni hu ghen lil Pulizija jikkalmaw l-affarijiet.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonjiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

---

[1] Inseriti a fol. 10 sa 14 tal-atti processwali.
[2] Cd's relattivi nseriti a fol. 27 tal-atti processwali.
[3] Li jinsabu inseriti fir-rapprot imheiji mill-espert tekniku Dr. Steven Farrugia Sacco.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------